MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 764/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank A. Tabone)

**vs.**

**Joseph Buttigieg**
**Teddy Buttigieg**
**Emanuel Buttigieg**

**Illum 9 ta' Ottubru 2012**

**Kawza Distrett Numru 764/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' April 2012 fejn inghad is-segwenti: *"Dr. Anton Refalo ghall-imputati jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs. Paul Demicoli et (387/2009) li dwarha prezentement hemm riferenza kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla fil-Qorti Civili fl-ismijiet "Paul Demicoli vs. Ministru Politika Socjali et" Citazz. Nru. 2/2010 u jitlob li ssir riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress illi t-twessiegh fid-definizzjoni ta' "klijent" taht il-ligi saret b'semplici Avviz Legali u ghalhekk kienet tmur oltre l-poteri ta' delega legislazzjoni sussidjarja kontemplata fil-Ligi principali u cioé il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Rat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur David Saliba, Ufficjal fl-Awtorita' tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol, qal hekk: *"[I]r-referenza illi ghamel l-abbli difensur Dr. Refalo fejn qed jiccita illi l-Avviz Legali 281/2004 imur ultra vires minn dak il-poteri li ttih il-Ligi, il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza hekk kif wiegbet f'dik ir-riferenza hekk kif iccitata illi l-Avviz Legali 281 mahrug fl-2004 sar bhala Avviz Legali sussidarju tal-att principali numru 27/2000 li gie in vigore fl-2002. Illi permezz ta' dan l-att ai termini tal-Artikolu 12(1) dan l-att ta l-poter lill-Ministru sabiex jaghmel ir-regolamenti hekk minnu li jidhirlu xieraq fir-rigward tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol".*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi f'kaz ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati hija wahda li ghandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid hekk:

*"jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti*

*għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni".*

Illi, ghalhekk, il-Qorti, certament f'dana l-istadju, bl-ebda mod ma hija imsejjha u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeciedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni taghha, it-talba maghmula mid-difiza sabiex issir riferenza abbazi ta' dak premess hijiex wahda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Alan Mifsud vs Avukat Generali**, deciza fit-23 ta' Novembru 1990, gie deciz illi l-kliem frivoli jew vessatorji ifissru illi l-kwistjoni li tkun tqajjmet hi irrilevanti proceduralment fil-proceduri li fihom tkun tqajjmet. Fil-fatt il-kelma "frivola" inghatat it-tifsira ta' *"ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma ghandhiex tinghata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni*". In rigward "vessatorja" din tidher li tfisser *"minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lil kontro-parti".*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li sabiex hija tkun legalment gustifikata li tista' taghmel ir-riferenza mitluba, il-kwistjoni imqanqla trid tkun wahda relatata mal-proceduri li jkollha quddiemha, fis-sens li jekk dik il-kwistjoni kostituzzjonali ma tigix risolta u deciza mill-Qorti kompetenti, din il-Qorti ma tkunx tista' tkompli bis-smiegh u d-decizjoni tal-mertu tal-vertenza li ghandha quddiemha.

**Ikkunsidrat**

Illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti tezamina jekk effettivament it-twessiegh fid-definizzjoni ta' "klijent" fl-Avviz Legali in kwistjoni imurx oltre l-poteri ta' delega legislazzjoni sussidjarja kontemplata fil-ligi principali, cioé Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jishaq li riferenza kostituzzjonali ssir jekk: "*tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin)"*. Il-Qorti tinnota li fit-talba sabiex issir ir-riferenza kostituzzjonali ma saret l-ebda riferenza ghall-Artikolu partikolari tal-Kostituzzjoni li setgha gie miksur. Apparti minn dan, jirrizulta li l-kawza li saret riferenza ghaliha fit-talba ghal riferenza kostituzzjonali, cioé "Paul Demicoli vs. Ministru Politika Socjali et", kienet **kawza *ad hoc*** u **mhux riferenza kostituzzjonali** (kif inghad fit-talba) mill-kawza l-ohra li saret riferenza ghaliha, cioé "Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs. Paul Demicoli et".

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, fil-fehma tal-Qorti, it-talba ghall-riferenza kostituzzjonali ma hijiex ta' ostakolu ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni jekk l-imputati humiex hatja jew le ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi, konsegwentement, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tistenna li l-kwistjoni kostituzzjonali imqanqla tigi risolta sabiex tkompli tisma' u tiddeciedi l-kwistjoni fil-meritu dwar jekk l-imputati humiex hatja jew le ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni mill-imputati, hija frivola u vessatorja u konsegwentement mhux il-kaz li ssir r-riferenza rikjesta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba maghmula fis-seduta tat-18 ta' April 2012 sabiex issir riferenza kostituzzjonali u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------